MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 674/2009

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

***MT Limited* u Mario Schembri**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu miljun, mija u ħmistax-il elf, seba' mija u żewġ euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€1,115,702.73), bilanċ ta' self, flimkien mal-imgħaxijiet mid-19 ta' Ġunju 2009 u l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk ta' mandat ta' deskrizzjoni.
Il-konvenuti, b'nota ippreżentata llum, ammettew it-talbiet tal-attriċi.
Il-qorti għalhekk fuq ammissjoni tal-konvenuti tikkundannahom flimkien *in solidum* iħallsu lill-attriċi miljun, mija u ħmistax-il elf, seba' mija u żewġ euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€1,115,702.73), flimkien mal-

imgħaxijiet mid-19 ta’ Ġunju 2009 sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------